# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 977

KAZ NRU. 1136

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Francis Agius

u

Zet Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 3 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 6 ta' Mejju, 1997 Ref. MHS/T1/31/97 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm disa' (9) seduti.

L-appellant kien assistit mill-avukat David Harding u ghas-Socjeta' ntimata deher is-sur Saviour Zammit assistit mill-avukat Ivan Gatt.

**Statements of Case**

L-appellant iddikjara li fit-30 ta' Marzu 1997 sarlu *ticket of referral of a patient to Hospital* minhabba ugiegh fl-istonku u li sarlu appuntament fid-dipartiment tal-*outpatients* ghat-8 ta' Mejju, 1997.

It-Tnejn 31 ta' Marzu, 1997 kienet festa nazzjonali u l-ghada l-1 t'April, 1997 informa lis-Socjeta' li kien marid. It-tabib tal-kumpanija tah dik il-gurnata u l-ghada l-Erbgha bhala *sick* u biex jirritorna lura x-xoghol il-Hamis 3 t'April 1997.

L-Erbgha 2 t'April 1997 qabditu l-influwenza u nforma lil Dr. Mangion tal-Poliklinika tal-Gzira li invista lill-appellant id-dar l-ghada u hariglu certifikat bid-data tat-3 t'April, 1997 u li jkopri l-perjodu sal-5 t'April, 1997.

L-Erbgha l-appellant informa lil *employer* tieghu bil-mard tieghu u t-tabib tal-kumpanija rega' invista lill-appellant u tah dik il-gurnata u li ghandu jirritorna ghax-xoghol l-ghada l-Hamis 3 t'April, 1997. L-appellant talbu ghal certifikat izda it-tabib qallu li kien ser jitkellem ma' l-*employer* hu, u qabad ic-certifikat tat-tabib tal-Poliklinika u hassar il-figura '3' u qieghed hdejha in-numru '1' u inizjala taht.

Il-Gimgha 4 t'April 1997 l-appellant ma setax jirritorna ghax-xoghol ghax kien hassu li ghadu ma jiflahx. L-*employer* gie nfurmat minn omm l-appellant, li skond hi, iben l-*employer* qalilha li ma nistghux nibqghu sejrin hekk u li dakinhar stess kien se jibda iehor minfloku.

Meta t-Tnejn ta' wara dahal lura ghax-xoghol, l-*employer* qallu biex jerga' jippancja u jmur lura d-dar. Meta staqsa ir-raguni, l-*employer* qallu li hu kien inpika mat-tabib tal-kumpanija.

Min naha tal-kumpanija t-tkeccija hija gusta ghaliex l-appellant abbuza mill-impjieg tieghu u m'attendiex ghax-xoghol minghajr ebda raguni valida. Skond it-tabib tal-kumpanija wara li ezamina lill-appellant, iccertifikah li seta' jattend ghax-xoghol regolarment.

Il-kumpanija ssemmi l-incidenti li wasslu ghat-terminazzjoni li huma s-segwenti :-

Fil-week-end bejn it-28 ta' Marzu sal-31 ta' Marzu 1997 l-appellant kien talab lill-kumpanija tisilfu sellum twil tal-fabbrika biex jaghmel xi bicca xoghol id-dar. Dan is-sellum kien twil xi zewg sulari. Dan il-punt qieghed jissemma biex juri li l-bicca xoghol ma kinitx xi wahda zghira u l-appellant kellu juza xi fallakki biex ilahhaq fejn ried ghax is-sellum ma kienx gholi bizzejjed.

L-appellant irritorna s-sellum fil-31 ta' Marzu, 1997.

Is-sekwenza ta' dak li gara dik il-gimgha turi li t-tabib tal-kumpanija ccertifika lill-appellant *sick* u li jirritorna lura ghax-xoghol fl-4 t'April. L-appellant jinghad li qal li kien qed isofri minn ugiegh fl-istonku.

Il-Hamis 3 t'April 1997 l-appellant rega' cempel il-kumpanija u nforma li kellu l-influwenza. It-tabib tal-kumpanija rega' invistah u ccertifikah li kien *fit for work* ghall-ghada.

Gara li fl-4 t'April, 1997 omm l-appellant cemplet il-fabbrika, li binha kien ghadu ma jiflahx. Meta l-appellant irritorna lura ghax-xoghol it-Tnejn 7 t'April, 1997 gie nfurmat dwar id-decizjoni tal-kumpanija li tterminatlu l-impjieg.

Il-kumpanija thoss li t-tabib taghha nvista lill-appellant darbtejn u ghaldaqstant l-appellant abbuza meta rrifjuta li jirritorna ghax-xoghol.

Mix-xhieda fit-tul issemma b'certi dettal l-uzu tas-sellum gholi zewg sulari li l-appellant issellef mill-kumpanija l-Hamis 27 ta' Marzu, 1997 biex ikun jista' jaghmel xi xogholijiet fl-appartament tieghu - Haz-Zebbug. Ingiebu numru ta' xhieda ghal dan ir-rigward li spjegaw kif u minn min sar ix-xoghol.

Fis-sottomissjonijiet finali z-zewg partijiet jesponu l-osservazzjonijiet taghhom.

L-appellant jindika li l-kumpanija ghandha l-obbligu li tipprova li kellha raguni tajba u bizzejjed meta tkecca. L-appellant wera kemm kienu rrelevanti d-domandi tal-kumpanija rigward l-impjieg antecedenti u l-incident tas-self tas-sellum. Issemmi wkoll li r-raguni kienet minhabba li l-appellant ma marx lura ghax-xoghol meta kien mitlub mit-tabib tal-kumpanija.

Issemmiet ukoll li d-deposizzjoni tax-xhud Mohammed Gasan m'ghandhiex tigi kkunsidrata.

Il-kumpanija min naha taghha tinsisti li s-sellum gie rritornat it-Tnejn 31 ta' Marzu, 1997 u mhux is-Sibt 29 ta' Marzu, 1997. Issemmi wkoll li Mohammed Gasan ra lill-appellant ghaddej bi truck waqt li kien bis-*sick leave*.

Tikkonferma wkoll illi d-deposizzjoni tat-tabib tal-kumpanija hija korretta u li l-appellant avolja kellu ghal darbtejn il-vista tat-tabib tal-kumpanija xorta baghat ghat-tabib tal-Poliklinika.

**Osservazzjonijiet**

It-Tribunal josserva l-pozizzjonijiet differenti li hadu z-zewg partijiet fuq l-istess kaz. Il-kumpanija riedet turi n-nuqqas ta' kredibilita' ta' l-appellant ghar-rigward ta' tlett sitwazzjonijiet li huma :

1. id-data tar-ritorn tas-sellum fejn il-kumpanija tiddikjara li kien it-Tnejn 31 ta' Marzu, 1997 u l-appellant jghid li kien is-Sibt 29 ta' Marzu 1997;

2. Ix-xhieda ta' Mohammed Gasan li ra lill-appellant ghaddej bi truck meta allegatament kien fuq is-*sick leave*; u

3. ghaliex l-appellant talab it-tabib tal-Poliklinika ghal certifikat meta ghandu l-possibilita' tat-tabib tal-kumpanija li nvista darbtejn lill-appellant.

Min naha tieghu l-appellant ried juri li l-incidenti tas-sellum u dak li gie allegat dwar l-ewwel impjieg fl-1990 ma kellhom ebda riliev ghal kaz prezenti.

**Konkluzzjonijiet**

Dan il-kaz jirrigwardja principalment id-decizjonijiet tat-tabib tal-kumpanija wara li l-appellant gie nvistat darbtejn u wara li l-appellant kien mitlub x'ghandu jaghmel.

Fix-xhieda tat-tabib tal-kumpanija jirrizulta li jekk kien hemm xi dubju dan mar a favur l-appellant.

Ir-raguni li jintalab it-tabib tal-Poliklinika ma gietx spjegata cara u tista' tikkreja certu dubji li zgur ma jghinux lill-appellant.

It-trattazzjoni ta' l-uzu tas-sellum u l-konflitt tad-data ta' meta gie ritornat huma marginali ghal dan il-kaz.

It-Tribunal ihoss li l-appellant ghandu joqghod ghad-decizjonijiet li t-tabib tal-kumpanija lahaq u ma jarax li l-appellant joqghod ghad-decizjoni tat-tabib tal-Poliklinika.

Galadarba l-kumpanija ghandha t-tabib taghha, l-impjegati huma soggetti ghad-decizjonijiet tieghu. Naturalment jekk wiehed ma josservax dan, ikun soggett ghad-dixxiplina tal-kumpanija.

Ghaldaqstant it-Tribunal jddeciedi li t-tkeccija kienet gusta.

Ghall-fini tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu, maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri tal-partijiet id-dritt ta' Lm40 (erbghin lira maltin).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol

--------------------
**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

**mrg**